MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 62/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Antoine Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Current Fashions Ltd (C 9548) ghas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500). In vista tal-fatt li l-appellant m'ghadux jirraprezenta lis-socjeta` Current fashions Ltd mhux il-kaz li tigi mposta multa addizzjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe` r-rappresentant tal-Kummissarju ta' Taxxi Interni rrizulta illi lis-socjeta` Current Fashions Limited intbghatilha avviz ta' talba skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23(7) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa, Kap. 372 tal-Ligijiet ta'

Malta ghas-snin 2000 u 2001 u l-ebda avviz ta' talba ma ntbaghat ghas-snin 1998 u 1999;

2. Illi waqt is-smiegh tal-kawza d-difiza pprezentat ittra ufficjali, liema ittra ufficjali tinsab fil-process tal-kawza, pprezentata mill-Kummissarju ta' Taxxi Interni fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju, 2002 li fiha s-socjeta` Current Fashions Limited kienet giet interpellata thallas somma ta' flus li jkopri l-perjodu Ottubru sa Dicembru 2001 u ukoll tindika bl-aktar mod car illi l-ebda ammont ma kien dovut ghaz-zmien precedenti;

3. Illi d-difiza pprezentat ukoll ittri datati 26 ta' Lulju 2008 u 14 ta' Mejju 2002 li minnhom jirrizulta b'mod car illi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni qatt ma interpella lis-socjeta` Current Fashions Limited dwar xi nuqqasijiet maghmula fl-1998 u 1999;

4. Illi kif irrizulta mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, ir-Registru tal-Kumpaniji kien gie notifikat u rregistra r-rizenja ta' l-esponenti minn Direttur tas-socjeta` Current Fashions Limited nhar l-20 ta' Gunju 2000 u ghaldaqstant ma jistax jinzamm responsabbli ghal dak li setgha sehh wara r-rizenja tieghu inkluz dawk relatati mal-formoli FS6 u FS7 ghas-sena 2000 stante li dawn huma formoli li jridu jintbaghatu fl-ahhar tas-sena kalendarja w cioe` wara l-31 ta' Dicembru 2000.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien direttur tas-socjeta Current Fashions Limited sa mit-twaqqif taghha fis-6 t'April 1998 sa l-20 ta' Gunju tas-sena 2000 meta rrizenja. L-appellant jghid illi din is-socjeta kienet intapriza bejn membri tal-familja u kien imexxi kollox il-missier, Carmelo Gauci. Meta l-appellant irrealizza li l-missier kien qed ikompli bil-operazzjonijiet minkejja t-telf li kienet qed taghmel il-kumpanija, huwa irrizenja minn direttur u l-unika direttur fis-socjeta baqa` l-missier Carmel Gauci. L-aggravju principali ta' l-appellant kien illi f'ittra ufficjalu mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien qed jitlob somma ta' flus li jkopri l-pejodu ta' bejn Ottubru u Dicembru ta' l-2001. Huwa argument illi dan jindika bl-aktar mod car illi l-ebda ammont ma kien dovut ghaz-zmien precedenti. L-appellant jallega li d-dipartiment tat-

Taxxi Interni qatt ma interpella lis-socjeta Current Fashions Limited dwar xi nuqqasijiet maghmluha fl-1998 u 1999.

Jidher li dan l-argument tqajjem ukoll quddiem l-ewwel Qorti u waslet ghal konkluzzjoni illi ma kinetx taqbel mat-tezi tad-difiza. Il-fatt li kien hemm korrespondenza bejn il-partijiet u ghal proceduri civili, illi gew tentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar nuqqasijiet tas-socjeta kkoncernata, relattivi ghas-snin 2000 u 2001, m'ghandux rilevanza ghal fini ta' proceduri kriminali. Allura jsegwi illi setghu gew kommessi f'dawk is-snin u anke fi snin ohra, f'perjodu meta l-appellant kien direttur. Din il-Qorti thoss illi dan ir-ragunament jaghmel hafna sens u il-fatt li intbaghtet ittra ufficcjali ghal sentejn ma jfissirx li ghal xi snin ohra ma kienx hemm nuqqasijiet illi tahom l-appellant kellu jkun responsabbli. Li rrizulta zgur illi bejn is-sena 1998 u s-sena 2001, s-socjeta Current Fashions Limited naqset li tibghat il-formoli neccessarji. U ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun biex issib htija.
Hu ben saput li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit u waslet ghal konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------